



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2021
(OR. en)

6050/21

LIMITE

UK 34

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0034(NLE)**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 64 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 64 final.


Mehmuż: COM(2021) 64 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2021
COM(2021) 64 final

2021/0034 (NLE)



Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni”), fir-rigward tad-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni

Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) Nru 2020/2252¹ dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata.

Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jistabbilixxi l-bażi għal relazzjoni wiesgħa bejn l-Unjoni u r-Renju Unit li tinvolvi drittijiet u obbligi reċiproċi, azzjonijiet komuni u proċeduri speċjali.

Il-Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Infommazzjoni huwa ftehim supplimentari għall-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, marbut intrinsikament ma' dan tal-aħħar b'mod partikolari fir-rigward tad-dati tad-dħul fis-seħħ u tat-terminazzjoni.

Skont l-Artikolu 12(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2020/2252, kif miftiehem mill-Partijiet fl-Artikolu FINPROV.11(2) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, il-Ftehimiet japplikaw fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2021, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom .

2.2. Id-deċiżjoni prevista tal-Kunsill tas-Sħubija

Skont l-Artikolu FINPROV.11(2) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, l-applikazzjoni proviżorja għandha tieqaf f'waħda mid-dati li ġejjin, skont liema minnhom tiġi l-ewwel:

(a) it-28 ta' Frar 2021 jew data oħra kif deċiż mill-Kunsill tas-Sħubija stabbilit skont l-Artikolu INST.1 tal-Ftehim; jew

(b) l-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għall-istabbiliment tal-kunsens tagħhom li jintrabtu.

Minħabba ż-żmien meħtieġ biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiskrutinizzaw b'mod xieraq il-Ftehimiet f'kull waħda mill-24 lingwa awtentika, l-Unjoni mhux se tkun tista' tikkonkludi l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni qabel it-28 ta' Frar 2021.

Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill tas-Sħubija jistabbilixxi data wara t-28 ta' Frar 2021 għat-tmiem tal-applikazzjoni proviżorja, li tqis iż-żmien meħtieġ għat-tlestija tar-reviżjoni u l-awtentikazzjoni ġuridika-lingwistika tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-Ftehim.

¹ ĠU L 444, 31.12.2020, p. 2.

L-għan tad-deċiżjoni prevista tal-Kunsill tas-Sħubija li jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni għaliha, huwa li tistabbilixxi dik id-data.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Fid-dawl tad-data prevista għad-disponibbiltà tal-Ftehimiet fl-24 lingwa awtentika kollha, jenħtieġ li d-data tkun it-30 ta' April 2021.

Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill tas-Sħubija skont il-punt (a) tal-Artikolu FINPROV.11(2) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni li tistabbilixxi data ġdida għall-applikazzjoni proviżorja fit-30 ta' April 2021, f'konformità mal-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż ma' din il-proposta.

4. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati fisem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Id-deċiżjoni li l-Kunsill tas-Sħubija mitlub jadotta tikkostitwixxi att li jkollu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-uniku objettiv u kontenut tal-att previst huwa relatat mal-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni dwar id-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja. L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni kien ibbażat fuq l-Artikolu 217 TFUE.

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 217 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9).

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-għan tad-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sħubija huwa li tiġi posposta d-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja, huwa xieraq li d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sħubija tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-data ta' meta għandha tiegħaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) Nru 2020/2252² dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni”), u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (il-“Ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni”) (flimkien imsejħin il-“Ftehimiet”).
- (2) Il-Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Infommazzjoni huwa ftehim supplimentari għall-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, marbut intrinsikament ma' dan tal-aħħar b' mod partikolari fir-rigward tad-dati tad-dħul fis-seħħ u tat-terminazzjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 12(1) tad-Deċiżjoni (UE) Nru 2020/2252, kif miftiehem mill-Partijiet fl-Artikolu FINPROV.11(2) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, il-Ftehimiet japplikaw fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2021, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħhom .
- (4) Skont l-Artikolu FINPROV.11(2) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, l-applikazzjoni proviżorja għandha tiegħaf f'waħda mid-dati li ġejjin, skont liema minnhom tiġi l-ewwel: (a) it-28 ta' Frar 2021 jew data oħra kif deċiż mill-Kunsill tas-Sħubija stabbilit skont l-Artikolu INST.1 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni; jew (b) l-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għall-istabbiliment tal-kunsens tagħhom li jintrabtu.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tat-29 ta' Diċembru 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 2).

- (5) Minħabba ż-żmien meħtieġ biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiskrutinizżaw b'mod xieraq il-Ftehimiet f'kull waħda mill-24 lingwa awtentika, l-Unjoni mhux se tkun tista' tikkonkludi l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni qabel it-28 ta' Frar 2021.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill tas-Sħubija jstabbilixxi data aktar tard biex tiegħaf l-applikazzjoni proviżorja li tqis iż-żmien meta l-verżjonijiet lingwistiċi kollha jkunu ġew riveduti u awtentikati. Fid-dawl tad-data prevista għad-disponibbiltà tal-Ftehimiet f'kull waħda mill-24 lingwa awtentika, jenħtieġ li l-Kunsill tas-Sħubija jstabbilixxi it-30 ta' April 2021 bħala din id-data.
- (7) Għaldaqstant, ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tas-Sħubija.
- (8) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-pront, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Artikolu INST.1 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, dwar deċiżjoni li għandha tittieħed f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu FINPROV.11(2) tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sħubija meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sħubija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*